31996R0823

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 823/96

tat-3 ta' Mejju 1996

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/95 li jistabbilixxi regoli speċjali dettaljati sabiex jiġu applikati r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1953/82 u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3846/87

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2931/95 ([2]), u partikolarment l-Artikoli 13(3) u 17 (14) ta' dan,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1466/95 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 592/96 ([4]), jistabbilixxi regoli speċjali dettaljati sabiex jiġu applikati r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib;

Billi l-esperjenza miksuba turi illi huwa meħtieġ li jiġu ċċarati l-arranġamenti imdaħħla bl-Artikolu 1a u d-dispożizzjonijiet dwar it-tolleranza dikjarati fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1466/95;

Billi, fil-qafas tal-konsultazzjonijiet ma' l-Isvizzera dwar l-implimentazzjoni tar-riżultati ta' l-*Uruguay Round*, ġie miftiehem li jiġu applikati sett ta' miżuri li jipprovdu partikolarment tnaqqis fid-dazji tad-dwana dwar ċerti tipi ta' ġobon mill-Komunità importati fl-Isvizzera; billi għandu jiġi garantit l-oriġini Komunitarju ta' dawn il-prodotti; billi, għal dan l-iskop, il-liċenzi ta' l-esportazzjoni għandhom ikunu obbligatorji għat-tipi kollha tal-ġobon esportati skond l-arranġamenti, inklużi t-tipi ta' ġobon li fuqhom ma jitħallsux rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni; billi l-liċenzi għandhom jinħarġu bla ħsara għall-preżentazzjoni mill-esportatur ta' dikjarazzjoni li tiċċertifika l-oriġini Komunitarju tal-prodott; billi din is-sistema tieħu post dik provvduta bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1953/82 tas-6 ta' Lulju 1982 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni ta' ċerti tipi ta' ġobon lil ċerti pajjiżi terzi ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3337/94 ([6]), li jista' jiġi mħassar kif jixraq;

Billi n-nota 6 fil-qiegħ tal-paġna fit-Taqsima 9 ta' l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 tas-17 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi nomenklatura tal-prodotti agrikoli għar-rifondi fuq l-esportazzjoni ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 310/96 ([8]), tiffissa l-valur minimu ta' ċerti tipi ta' ġobon li jikkwalifikaw skond l-arranġamenti tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni; billi, fl-interess tal-konsistenza u ċ-ċarezza, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 1466/95; billi, mogħtija x-xejra fil-prezzijiet tas-suq u sabiex ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jiksbu l-impatt ekonomiku sħiħ tagħhom, dan il-valur minimu għandu juġi miżjud u għandu japplika għal kull tip ta' ġobon; ([1])

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1466/95 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1a jiġi emendat kif ġej:
   (a) fil-paragrafu 4 (a), it-"Taqsima 19" tiġi mibdula bit-"Taqsima 22";
   (b) jiżdied il-paragrafu li ġej:
   "5. Fuq it-talba tal-parti interessata, għandha tinħareġ kopja attestata tal-liċenza."

2. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 1b

1. Dan l-Artikolu jippreskrivi regoli speċjali dettaljati li jirregolaw l-esportazzjonijiet lejn l-Isvizzera tat-tipi ta' ġobon imniżżla fil-lista fl-Anness.

2. Il-liċenzi ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu preżentati għall-esportazzjonijiet kollha koperti bil-paragrafu 1 mill-1 ta' Lulju 1996.

3. It-Taqsima 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u tal-liċenzi nfushom għandhom juru riferenza għal dan l-Artikolu.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenza għandhom jintlaqgħu biss fejn l-applikant:

— jidikjara bil-miktub li l-materjal kollu li jidħol fil-Kapitolu 4 tan-nomanklatura kombinata u wżat fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti koperti bl-applikazzjoni tiegħu jkunu ġew prodotti għal kollox ġewwa l-Unjoni Ewropea,

— jimpenja ruħu bil-miktub li jipprovdi, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, kull prova oħra tal-verità li dawn ta' l-aħħar jikkunsidraw meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenzi u li jaċċetta, fejn japplikaw, kull kontroll/eżami minn dawn l-awtoritajiet tal-kontijiet u tal-kondizzjonijiet li fuqhom ikunu ġew fabbrikati l-prodotti.

([1]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
([2]) ĠU L 307, ta' l-20.12.1995, p. 10.
([3]) ĠU L 144, tat-28.6.1995, p. 22.
([4]) ĠU L 84, tat-3.4.1996, p. 31.
([5]) ĠU L 212, tal-21.7.1982, p. 5.
([6]) ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 66.
([7]) ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1.
([8]) ĠU L 46, tat-23.2.1996, p. 1.

5. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-esportazzjonijiet mhux koperti bl-applikazzjonijiet għal rifużjoni:

(a) it-Taqsima 22 ta' l-applikazzjonijiet għal liċenzi u tal-liċenzi nfushom għandhom juru l-kliem 'Għall-esportazzjoni mingħajr rifużjoni'

(b) il-liċenzi għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun wara li jiġu depożitati l-applikazzjonijiet;

(ċ) il-liċenzi għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom fit-tifsira ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 sat-30 ta' Ġunju li jiġi wara;

(d) id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw, bl-eċċezzjoni ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1);

(e) għandu japplika r-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

6. Ma' l-applikazzjoni mill-parti interessata, għandha tinħareġ kopja attestata tal-liċenza."

3. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 2a

Ma għandu jiġi konċess l-ebda rifużjoni fuq l-esportazzjonijiet għal tipi ta' ġobon fejn il-prezz ħieles-fuq-il-fruntiera qabel l-applikazzjoni għar-rifużjoni fl-Istat Membru ta' l-esportazzjoni jkun inqas minn 230 Ecu għal kull 100 kilogramma."

4. L-Artikolu 10(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 dwar it-tolleranzi għall-kwantitajiet esportati għandhom japplikaw kif ġej:

(a) ir-rata ta' 5 % stabbilita fl-Artikolu 8(5) għandha tiġi mibdula bi 2 %;

(b) ir-rati ta' 95 % u 5 % stabbiliti fl-Artikolu 33(2) għandhom jiġu mibdula bi 98 % u 2 % rispettivament;

(ċ) ir-rata ta' 5 % stabbilita fl-Artikolu 44(9)(c) għandha tiġi mibdula bi 2 %."

5. L-Anness ma' hawn jiżdied bħala l-Anness.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 1953/82 huwa hawnhekk imħassar. Madankollu, iċ-ċertifikati ta' l-oriġini maħruġa skond dan ir-Regolament ((KEE) Nru 1953/82) qabel id-dul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ((KE) Nru 823/96) għandhom jibqgħu validi għall-esportazzjonijiet skond il-liċenzi maħruġa qabel din id-data.

Artikolu 3

In-nota 6 f'qiegħ il-paġna u r-riferenza relevanti fl-ewwel linja biswit il kodiċi *ex* 0406 fis-Settur 9 ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 huma hawnhekk imħassra.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Il-lista tat-tipi tal-ġobon msemmija fl-Artikolu 1b (1)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni (Nonklematura ta' prodott agrikolu għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni)
0406	Ġobon u baqta:
ex 0406 10 20	– – – Rikotta, mielħa
0406 20	– Ġobon maħkuk jew ippolverizzat, ta' kull tip
0406 40	– Ġobon bil-vina blu
ex 0406 90	– Ġobon ieħor:
0406 90 61	– – – – – Grana Padano, Parmeggiano Reggiano
0406 90 63	– – – – – Fiore Sardo, Pecorino
0406 90 69	– – – – – Ieħor:
0406 90 73	– – – – – Provolone
ex 0406 90 75	– – – – – Caciocavallo
ex 0406 90 76	– – – – – Fontina mill-Valle d'Aosta:
ex 0406 90 87	– – – – – – – – – Idiazabal, Manchego, Roncal, manifatturati esklussivament mill-ħalib tan-nagħaġ